

Madonna tar-Ruzarju
Żejtun

Fl-2006, l-istudjuż u kuratur ta' l-arti, is-Sur Sandro Debono, stabillixxa bl-eżatt min kien l-iskultur li ħadem il-vara professjonali tal-fratellanza tar-Rużarju tal-parroċċa tagħna. Wara riċerka li kien għamel, sab id-dettalji tal-kuntratt li kien sar Dun Ġwann Borg bħala prokuratur u Vincenzo Dimech, iben Sigismondo mill-Belt Valletta[1] . Din l-istatwa inħadmet fl-injam tal-ulmu u artistikament kellha tkun kopja fuq dik tal-Patrijiet Dumnikani tar-Rabat, Malta u li kienet saret mill-iskultur Melchiorre Gafa'.

Mir-riċerka li għamel Debono ġie wkoll stabbilit li din il-vara għaddiet għand il-fratellanza f'Jannar ta' l-1778, b'hekk nistgħu ngħidu li din il-vara ila fostna mitejn u tlieta u tletin (233) sena. Barra mill-fatt li din il-vara ila għandna dan iż-żmien kollu, artistikament hija wkoll meqjusa bħala biċċa xogħol tajba ħafna. Għalek qed nitkellmu fuq wirt kulturali imprezzabbli, iżda li bħal ħafna oġġetti oħra ta' valur li għandha l-parroċċa, kien wasal iż-żmien sew li wieħed jieħu ħsieb jikkura dan il-wirt sa biex ma jintilifx darba għal dejjem. Il-fatt li din il-vara hija maħduma fl-injam, maż-żmien kienet soffriet ħsarat li setgħa jarhom kulħadd. L-indurar fid-deheb tal-panneġġar tal-vara kien qed ifaqqa' minn diversi bnadi minħabba xquq li tfaċċaw matul il-ġonot fl-injam. Il-karneġġjon ta' wiċċ il-Madonna u l-Bambin kien swied, possibilment minħabba moffa li kibret fuq u taħt iż-żebgħa. Iżda l-akbar ammont ta' ħsara wieħed setgħa jinnotha fil-pedestal ta' l-istess vara, fejn l-induratura kienet kważi intilfet għal kollox, u f'bosta partijiet kien inkixef il-bażi tal-ġibs.

Il-Fratellanza tar-Rużarju ila għal dawn l-aħħar snin titlob biex din il-vara tiġi restawrata b'mod professjonali, u meta din it-talba intlaqgħet ħadet ħsieb li titlob lil Mario u Ruben Camilleri Cauchi sa biex jagħmlu rapport dwar il-kundizzjoni tal-vara u l-pedestall flimkien ma' proposti sa biex dawn jiġu rrestawrati. Il-pedestall kellu wisq



ħsara tant li l-induratura oriġinali ma setgħetx tiġi kkonservata, u għalek ġie propost li din titqaxxar sa l-injam sa biex wara li l-injam jiġi msewwi u trattat kontra s-susa, terġa tingħata l-bażi fil-ġibs u ssir induratura ġdida. Dwar il-vara, għalkem l-ewwel proposta kienet li jsirilha nduratura ġdida, l-għaqal u l-etika ta' restawr talbu li minflok tiġi kkonservata l-induratura oriġinali. B'hekk wara li din titnaddaf mill-ħmieġ li nġemgħa maż-żmien, jiġu dentifikati l-partijiet fejn din faqqgħet. Iżda dawn il-ħ sarat huma lokalizzati f'partijiet mill-istatwa u wieħed jistgħa jirrestawra dawn il-partijiet b'tali mod li jikkonserva l-kumplament ta' l-induratura li hija oriġinali. Fejn hu possibbli ser isir ukoll trattament kontra s-susa, u partijiet fejn diġa ntmessu mis-susa, l-injam ser jinbidel.

La jitlesta dan ix-xogħol, il-Fratellanza tar-Rużarju tkun wetqgħet proġett li permezz tiegħu ser tkun qed tgħ addi din il-biċċa xogħol artistika lil ġenerazzjonijiet ta' warajna fi stat ħafna aħjar minn dak li sibniha fih u fl-istess waqt ser tkun qed tipproteġi u tħares ix-xogħol li kien sar mill-iskultur oriġinali aktar minn mitejn sena ilu. M'hemmx għalfejn ngħidu li biex qed isir dan il-proġett hemm spejjeż kbar involuti, għalek nilqgħu bil-qalb kull għotja li tistgħ u tagħmlu b'risq dan ix-xogħ ol u ta' dan nirringrazzjawkom bil-quddiem. Minn irid jikkontribbwixxi xi għotja b'risq dan ir-restawr għandu javviċina lill-Prokuratur tal-Fratellanza s-Sur Patrick Piscopo jew xi wieħed mill-Fratelli.



**Ruben Abela**
***Segretarju Fratellanza tar-Rużarju***

[1] Debono Sandro, Il-Vara u l-Artal tal-Madonna tar-Rużarju. Għaqda Mużikali Beland. 2006. pp89 - 90.